



Brussell, 3 ta' Frar 2026
(OR. en)

16853/1/25
REV 1

Fajl Interistituzzjonali:
2025/0413(NLE)

INDEF 185
COTRA 57
POLMIL 432
COPS 683
ECOFIN 1747
FIN 1560
UEM 634
FISC 376
COMPET 1361
MAP 163
IND 623
CSC 679

ATTI LEĠIŻLATTIVI U STRUMENTI OĦRA

Suġġett: DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL dwar il-konklużjoni tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Kanada li jstabilixxi l-kundizzjonijiet għall-parteċipazzjoni ta' entitajiet legali Kanadiżi u prodotti li joriġinaw mill-Kanada fl-akkwist skont l-Istrument SAFE

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) .../...

ta' ...

**dwar il-konklużjoni tal-Ftehim bejn
l-Unjoni Ewropea u l-Kanada
li jistabbilixxi l-kundizzjonijiet għall-parteċipazzjoni
ta' entitajiet legali Kanadiżi u prodotti li joriġinaw mill-Kanada
fl-akkwist skont l-Istrument SAFE**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 212 flimkien mal-Artikolu 218(6), it-tieni subparagrafu, il-punt (a), tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra l-approvazzjoni tal-Parlament Ewropew¹,

¹ L-approvazzjoni ta' [data] (għadha mhijiex ippubblikata fil-ĠU L).

Billi:

- (1) F'konformità mad-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) .../...²⁺, il-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Kanada li jistabbilixxi l-kundizzjonijiet għall-parteċipazzjoni ta' entitajiet legali u prodotti Kanadiżi li joriġinaw mill-Kanada fl-akkwist skont l-Istrument SAFE (il-“Ftehim SAFE”) ġie ffirmat fi ... [*data tal-iffirmar*], soġġett għall-konklużjoni tiegħu f'data aktar tard, u ġie applikat fuq bażi proviżorja minn ... [*data tal-applikazzjoni proviżorja*], sakemm jidħol fis-seħħ.
- (2) Il-konklużjoni tal-Ftehim SAFE tippermetti kooperazzjoni industrijali akbar fil-qasam tad-difiża u tirrifletti x-xewqa kondiwiża li tiġi approfondita r-relazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Kanada fil-qasam tas-sigurtà u d-difiża u li titrawwem sħubija aktar mill-qrib, ibbilanċjata u ta' benefiċċju reċiproku bejn l-Unjoni Ewropea u l-Kanada biex tiġi appoġġata l-kooperazzjoni Prattika fil-qasam tad-difiża.
- (3) Jenħtieġ li l-Ftehim SAFE jiġi approvat,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

² Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) .../... ta' ... dwar l-iffirmar u l-applikazzjoni proviżorja tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Kanada li jistabbilixxi l-kundizzjonijiet għall-parteċipazzjoni ta' entitajiet legali Kanadiżi u prodotti li joriġinaw fil-Kanada fl-akkwist skont l-Istrument SAFE (ĠU L, ..., ELI: ...).

⁺ ĠU: jekk jogħġbok daħħal in-numru tad-Deċiżjoni li jinsab fi ST 16849/25 u imla n-nota f'qiegħ il-paġna korrispondenti.

Artikolu 1

Il-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Kanada li jstabilixxi l-kundizzjonijiet għall-parteċipazzjoni ta' entitajiet legali u prodotti Kanadiżi li joriġinaw mill-Kanada fl-akkwist skont l-Istrument SAFE huwa b'dan approvat.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha³.

Magħmul fi ..., ...

Għall-Kunsill

Il-President

³ Id-data tad-dħul fis-seħħ tal-Ftehim ser tiġi ppubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* mis-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill.